



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Jannar 2021
(OR. en)

13916/1/20
REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0369(NLE)

UK 115

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 833 final/2
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit mill-Artikolu 164 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-preżenza tal-Unjoni

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 833 final/2.

Mehmuż: COM(2020) 833 final/2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.1.2021
COM(2020) 833 final/2

2020/0369 (NLE)

COM(2020) 833 of 10.12.2020 downgraded on 27.1.2021

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt
stabbilit mill-Artikolu 164 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u
l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika
fir-rigward tal-preżenza tal-Unjoni**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ") dwar deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt dwar l-arranġamenti prattiċi ta' ħidma relatati mal-eżerċizzju tad-drittijiet imsemmija fl-Artikolu 12(2) tal-Protokoll dwar l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq għall-Ftehim dwar il-Ħruġ ("il-Protokoll").

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

L-Artikolu 12 tal-Protokoll jagħmel, fl-ewwel paragrafu tiegħu, lill-awtoritajiet tar-Renju Unit responsabbli għall-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jagħmilhom applikabbli mill-Protokoll. Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 12, ir-rappreżentanti tal-Unjoni għandhom id-dritt li jkunu preżenti matul kwalunkwe attività tal-awtoritajiet tar-Renju Unit relatata mal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jsir applikabbli mill-Protokoll, kif ukoll l-attivitajiet relatati mal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Artikolu 5, u r-Renju Unit għandu jipprovdi, b'talba, l-informazzjoni rilevanti kollha relatata ma' tali attivitajiet, filwaqt li r-Renju Unit huwa obligat li jiffaċilita tali preżenza ta' rappreżentanti tal-Unjoni, jipprovdihom l-informazzjoni u jwettaq il-miżuri ta' kontroll mitluba mir-rappreżentanti tal-Unjoni.

Il-preżenza tal-Unjoni stabbilita bl-Artikolu 12 tal-Protokoll suppost tiżgura li l-Unjoni tkun tista' tissorvelja b'mod effettiv l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li jsir applikabbli fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq mill-awtoritajiet tar-Renju Unit. L-Artikolu 12(4) tal-Protokoll jiddikjara b'mod espliċitu li l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, inkluż b'mod partikolari l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, għandhom l-istess setgħat bħal daww mogħtija lilhom mil-liġi tal-Unjoni f'dan ir-rigward.

3. POŻIZZJONI LI GħANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI

Arranġamenti prattiċi ta' ħidma għall-eżerċizzju tad-drittijiet skont l-Artikolu 12(2) tal-Protokoll

Sabiex id-drittijiet mogħtija mill-Artikolu 12(2) tal-Protokoll isiru effettivi, l-arranġamenti prattiċi ta' ħidma stabbiliti f'Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt jipprevedu

- privileġġi u immunitajiet tar-rappreżentanti tal-Unjoni li jeżerċitaw daww id-drittijiet tal-Unjoni;
- modalitajiet biex tintalab informazzjoni
- aċċess elettroniku ġenerali għas-sistemi tal-IT tar-Renju Unit rilevanti għall-implimentazzjoni tal-Protokoll; kif ukoll
- modalitajiet biex jintalbu miżuri ta' kontroll.

L-eżerċizzju tad-drittijiet skont l-Artikolu 12(2) mhuwiex limitat b'mod partikolari għat-territorju tal-Irlanda ta' Fuq, iżda huwa relatat ma' kull attività mwettqa mill-awtoritajiet tar-Renju Unit fl-implimentazzjoni tal-Protokoll irrispettivament mill-post fejn jinsabu.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu “il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita bi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim”,

Id-deċiżjoni li l-Kumitat Konġunt huwa mitlub jadotta tikkostitwixxi att b'effetti legali. L-att previst ikun vinkolanti għall-Partijiet f'konformità mal-Artikolu 166 tal-Ftehim.

L-att previst ma jissupplimentax u ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

Id-deċiżjoni dwar “preżenza tal-Unjoni” tistipula l-kondizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li ġie konkluż abbażi tal-Artikolu 50 TUE. Billi l-Protokoll tal-Irlanda ta' Fuq huwa ftehim ta' kummerċ bejn l-UE u r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, il-bażi ġuridika hija wkoll l-Artikolu 207 TFUE.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 50 TUE u l-Artikolu 207 TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 50 TUE u l-Artikolu 207 TFUE flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Billi d-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tikkonċerna l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet sostantivi tal-Protokoll, huwa xieraq li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tagħha.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit mill-Artikolu 164 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-preżenza tal-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 50(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207, flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-Ftehim dwar il-ħruġ") ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135¹ tat-30 ta' Jannar 2020 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.
- (2) L-Artikolu 166 tal-Ftehim dwar il-ħruġ jagħti s-setgħa lill-Komitat Konġunt li jadotta deċiżjonijiet fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha li għalihom il-Ftehim dwar il-ħruġ jipprevedi dan. Il-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq ("il-Protokoll") jifforma parti integrali tal-Ftehim dwar il-ħruġ.
- (3) L-Artikolu 12(2) tal-Protokoll jistabbilixxi d-dritt tal-Unjoni li tkun preżenti matul kwalunkwe attività tar-Renju Unit relatata mal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni applikabbli mill-Protokoll kif ukoll l-Artikolu 5 tal-Protokoll. Huwa jipprevedi speċifikament id-dritt li tintalab informazzjoni mill-awtoritajiet tar-Renju Unit rigward tali attivitajiet u li daww l-awtoritajiet jintalbu jwettqu miżuri ta' kontroll.
- (4) L-Artikolu 12(3) tal-Protokoll jipprevedi deċiżjoni tal-Komitat Konġunt li tistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi tax-xogħol relatati mal-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-Protokoll f'dan ir-rigward. Jenħtieġ li dawn l-arranġamenti ta' ħidma jiżguraw li r-rappreżentanti tal-Unjoni jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet stabbiliti fl-Artikolu 12(2) tal-Protokoll b'mod effettiv.
- (5) Il-preżenza tal-Unjoni prevista mill-Protokoll jeħtieġ li tqis iċ-ċirkostanzi uniċi fil-għira tal-Irlanda, u d-drittijiet tar-rappreżentanti tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu eżerċitati filwaqt li jitqiesu kif dovut is-sensittivitajiet politiċi, ir-rispett għas-sovranià barranija kif ukoll, b'mod partikolari, il-Ftehim ta' Belfast tal-Ġimgħa l-Kbira tal-10 ta' April 1998.

¹ ĠU L 29, 31.1.2020, p.1.

- (6) Għaldaqstant, huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 164 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ dwar deċiżjoni li għandha tittieħed f'konformità mal-Artikolu 12 tal-Protokoll għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*